MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-10 ta' Lulju, 2024

Appell Inferjuri Numru 161/2018 LM

**Joekonedo Limited (C 80762)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Chiara Peresso (K.I. nru. 49374M)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Joekonedo Limited (C 80762)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fl-14 ta' Lulju, 2023 [minn issa 'is-sentenza appellata'], f'kawża li s-soċjetà rikorrenti

istitwiet kontra l-intimata **Chiara Peresso (K.I. nru. 49374M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], fejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi:

> *"Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata, tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha."*

## <u>Fatti</u>

2. Permezz tal-Avviż imressaq quddiem l-Ewwel Qorti, is-soċjetà rikorrenti talbet li l-intimata tkun ikkundannata tħallasha l-ammont ta' tlettax-il elf, disa' mija u seba' Euro u seba' ċenteżmi (€13,907.07) rappreżentanti l-valur ta' prodotti mibjugħa lilha u servizzi reżi lilha. Is-soċjetà rikorrenti talbet ukoll l-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 798/2018 ippreżentata fis-16 t'April, 2018 *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 809/18, u bl-imgħax legali kontra l-intimata.

3. L-intimata wieġbet li hija m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà rikorrenti, u li hija dejjem innegozjat ma' Antonio Santoro personalment. Qalet li l-Ewwel Qorti għandha tissoprassjedi għaliex quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hemm pendenti l-kawża fl-ismijiet 'Chiara Peresso *vs.* Antonio Santoro' (rikors ġuramentat 503/2018), fejn l-intimata qiegħda titlob danni minħabba li l-appalt kien abbandunat u x-xogħol li sar minn Antonio Santoro sar ħażin. Qalet li għalhekk it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti kontra tagħha għandhom jiġu miċħuda għaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u hija mhijiex debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fl-ebda ammont, għaliex ix-xogħol ma

sarx skont is-sengħa u l-arti. L-intimata eċċepiet ukoll li l-ebda ammont m'huwa dovut għaliex il-prezz miftiehem għall-appalt in kwistjoni kien laħaq tħallas waqt li kien għaddej ix-xogħol.

## **Is-Sentenza Appellata**

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fl-14 ta' Lulju, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata, illiberatha mill-osservanza tal-ġudizzju, u konsegwentement ċaħdet it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Kunsiderazzjonijiet*

*25. Il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza ampja tal-Qrati tagħna fosthom is-sentenza fl-ismijiet: **"Media Today Co. Ltd v. Mary Gauci"** (App. Ċiv. Nru. 80/2011 AE, 15/07/2016) u s-sentenza fl-ismijiet: **"M.C.F Company Ltd v. Charles Buhagiar et"** (Rik. Maħluf Nru. 1008/2014 LM, 15/06/2016). F'din l-aħħar sentenza, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:*

"Illi f'materja tal-identità tal-persuna li tidħol f'rapport kuntrattwali ma' ħaddieħor, din il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għal dawn il-pronunzjamenti tal-ġurisprudenza u fehmiet ta' kittieba tad-dritt ċivili u kummerċjali:

1) Huwa prinċipju ġenerali li, f'ġieħ is-sikurezza tan-negozju ġuridiku, meta wieħed jagħmel ftehim, ikun jaf sewwa l-identità tal-persuna li tkun qiegħda tobbliga ruħha lejh, jew li jkun qiegħed jobbliga ruħu lejha. *(fn. 15 Betti, Teoria generale del negozio giuridico, 574: Roppo, Il Contratto 275; Qorti tal-Kassazzjoni Taljana 08.02.1985, n.987, f'Giur.it. 1985, 1, 1, 1482)*

2) Hija ħaġa minn ewl id-dinja illi bniedem jikkuntratta għalih innifsu u li min jidħol fi ftehim ikun ġustifikat jassumi, kemm għas-serħan il-moħħ tiegħu, kemm għas-sigurtà tal-operazzjonijiet kummerċjali, li jkun qiegħed jiftiehem mal-persuna li tkun daħlet fil-ftehim miegħu u mhux ma' ħaddieħor. Hemm ukoll il-prinċipju sagrosant li l-kuntratti jridu jsiru in bona fede u ħadd

m'għandu jkun sorpriż b'allegazzjoni fiergħa li minflok ma' Kaju, huwa jkun ikkuntratta ma' Sempronju.

3) Biex persuna li tidħol f'kuntratt torbot lil ħaddieħor li tkun qiegħda tirrappreżenta, din trid tagħmilha ċara mal-parti l-oħra li qed taġixxi f'isem ħaddieħor, u turi lill-parti l-oħra, b'mod ċar l-identità tagħha; dak li t-Taljani jsejħulha spendita del nome, jew il-contemplatio domini. (fn. 16 Vincenzo Roppo, Trattato del Contratto, 2006, Vol. 1, Formazione, paġna 761). Il-mandat irid jintwera jew espressament inkella għall-inqas b'mod li l-parti l-oħra tkun raġonevolment taf li qed tikkuntratta ma' persuna li tkun qiegħda tidher għal ħaddieħor. *(fn. 17* ***Frank Cilia noe vs Charles Scicluna*** *(Ċit Nru. 1337/90/JDC), deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' April, 1992;* ***Philip Galea Souchet vs. Michael Falla****, Appell Kummerċjali, 4 ta' Mejju, 1973;* ***Frank Cilia noe vs Charles Scicluna*** *deċiża fis-27 ta' April, 1992, Qorti tal-Kummerċ (Vol. LXXVI.iv.673);* ***Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs. Mark Grima*** *deċiża fit-30 ta' April, 1992, Vol. LXXVI.iv.677).* Fl-assenza ta' turija espliċita, huwa neċessarju u fl-istess ħin biżżejjed "un comportamento del rappresentante che, per univocità e concludenzia, sia idoneo a partare a conoscenza dell'altro contraente di diligenza media" *(fn. 18 Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, 20.10.2003, n. 15691, Mass. For. It. 2003)* – hekk imsejħa *contemplatio domini per facta concludentia." In conseguenza la rappresentanza può essere dedotta – oltre che da una dichiarazione espressa – da ogni altro elemento da cui risulti in modo inequivoco che l'attività del soggetto si svolga in attuazione di un potere rappresentativo a lui conferito." (fn. 19 Qorti tal-Kassazzjoni Taljana 10.12.1996, n.10989, Mass. For. It. 1996. Ara wkoll Roppo, op. Cit. Paġna 766)*

Jissokta jiġi preċiżat illi l-preżunzjoni affermata fis-senteza appena aċċennata kienet però waħda juris tantum u allura tammetti l-prova kuntrarja. Prova din li kienet tispetta lil persuna li kien qed jidher f'isem u għan-nom ta' persuna oħra. "Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qiegħed jaġixxi bħala mandatarju ta' ħaddieħor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien ġie a konoxxenza tal-persuna li magħha jkun qiegħed jikkuntratta." – *Lawrence Formosa noe et nomine vs. Silvio Felice, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999.*

"Mhux biżżejjed allura li l-appellanti jistrieħ fuq is-sempliċi dikjarazzjoni tiegħu illi hu qatt ma innegozja mas-soċjetà attriċi f'ismu personali. Hu ħtieġlu li manifestement jipprova dan l-istess assunt tiegħu. *(fn. 20* ***Borg Cold Stores vs. Pickard Mario –*** *QA (PS) 19.10.2005)*

Fil-każ ta' persuna li tkun qed tippretendi li tidher għal kumpannija, ingħad hekk: "Illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun ġestit minn soċjetà

b'responsabbilità limitata, u għaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu tagħha li tindika dan fl-aktar mod ċar u inekwivoku lil terzi li jkunu qegħdin jinnegozjaw magħha. Tali indikazzjoni għandha ssir ukoll fuq l-invoice, statements, eċċ relatati ma' akkwisti magħmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz għandu kull dritt jippreżumi li qiegħed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod ieħor. Kien għalhekk jinkombi fuq il-konvenut (omissis) li jġib il-prova li s-soċjetà attriċi kienet ġiet mgħarrfa li n-negozju kien qiegħed jiġi ġestit minn soċjetà kummerċjali, skont hu s-soċjetà M.A.

Illi dan il-prinċipju ġie kostantament applikat mill-Qrati tagħna. Hekk, fil-kawża fl-ismijiet Charles O'Flaherty noe. vs Joseph Micallef (Ċit. Nru. 885/85/JDC), deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Ġunju, 1987, fejn il-fatti kienu simili għal dawk in eżami, ingħad:

"Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment għall-ħlas, peress li ma jirriżultax li fiż-żmien meta kien sar in-negozju in kwistjoni huwa indika lis-soċjetà attriċi li l-ħlas ma kellux isir minnu iżda minn soċjetà kummerċjali." *(fn. 21* ***Camel Brand Co. Ltd. vs. Michael Debono****, 21.03.2002, Prim'Awla, per Imħallef R.C. Pace)*

4) **<u>L-ispendita del nome trid issir sal-mument meta l-ftehim ikun ġie finalizzat</u>** (sottolinear ta' din il-Qorti) (*fn. 22* ***Lawrence Formosa nomine et nomine vs. Silvio Felice****, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999). "*Għar-rigward tal-portata tal-vinkolu kontrattwali, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Diċembru, 1999 mogħtija fil-kawża Vella vs. Vella noe. Skont din is-sentenza, il-mument determinanti huwa meta tiġi kontrattata l-obbligazzjoni, huwa dak il-mument fejn min jikkontratta għandu l-obbligu li jiddikjara b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni mhux qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra (fiżika jew morali) li trid tkun ben identifikata. Huwa fl-obbligu li jassikura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konoxxenza tal-parti l-oħra f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabbilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi naxxenti minn dan in-negozju." *(fn. 23* ***Golden Harvest Mfg. Co. Ltd. vs John Muscat*** *17.09.2012, Prim'Awla, per Imħallef J. Zammit McKeon)*

"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjetà attriċi kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konoxxenza tas-soċjetà attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-

responsabbilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta (John Vella noe v. Anthony Vella et, Qorti tal-Appell, 3 ta' Diċembru, 1999)." *(fn. 24* ***Legend Real Estate Ltd vs. Ron Chetcuti****, Il-Qorti tal-Appell)*

5) Meta persuna tallega li aġixxiet f'isem ħaddieħor, il-piż tal-prova jaqa' fuqha: "Ladarba rriżulta li l-ordni saret mill-konvenut sta għall-istess konvenut li jipprova li meta għamel l-ordni ma għamilhiex f'ismu personalment iżda għamilha għal xi ħaddieħor. Jekk din il-prova ma ssirx għas-sodisfazzjon tal-Qorti jsegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment għall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li għamel. (*fn. 25* ***Charles Mizzi et noe vs Teddie (sive Edward) Bord****, Qorti tal-Kummerċ deċiża fl-10 ta' Mejju, 1990)* Kif kien osservat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerċ Cilia noe vs Scicluna (K/FGC) tas-27 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.673) u Bonnici noe vs. Grima (K/JDC) tat-30 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.677) u tal-Qorti tal-Appell Caruana et vs. Magro et tas-6 ta' Ottubru, 1999, hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Għalhekk fil-każ tal-lum, jinkombi fuq il-konvenuti l-oneru tal-prova tal-ewwel u tat-tieni eċċezzjonijiet u ċioe l-prova li l-kreditu pretiż minn Golden Harvest mhuwiex dovut minnhom personalment iżda mill-kumpannija Dolceria Italiana Limited, li tagħha jirriżulta li l-konvenuti huma l-azzjonisti u li tagħha jirriżulta li kienu t-tnejn diretturi fid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat." (*fn. 26* ***Golden Harvest Mfg. Co. Ltd. vs John Muscat*** *17.09.2012, Prim'Awla, per Imħallef J. Zammit McKeon).*

6) Il-provi f'dan ir-rigward għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jiġi preżunt, anzi għandu jiġi eskluż (Troplong mandato no. 50) ċitata fil-kollezzjoni Vol. XLII.ii.203 ... "Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru, 1990 fil-kawża Formosa et noe vs. Felice tat direzzjoni preċiża fis-sens illi sostniet li kien jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għal konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappreżentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhumiex daqstant ovvji. Fejn hemm dubju però wieħed għandu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet qed tagħmel hekk f'isimha proprju." *(fn. 27 Ibid)*

*26. Skont l-insenjament għaqli tal-Qrati tagħna, bħala punt ta' dritt, darba l-pretensjoni tal-intimata hija li kkuntrattat mhux mal-kumpannija rikorrenti iżda ma' Antonio Santoro personalment, jekk fl-apprezzament tal-provi jirriżulta illi*

*hemm karenza ta' provi jew addirittura dubju, il-mandat ma jistax jiġi preżunt u għalhekk għandu jiġi eskluż (Troplong – Mandato No. 50 ċitat fis-sentenza* ***Vol.XLII.II.203.****) Dan oltre l-prinċipju enunċjat ukoll fir-riassunt tal-ġurisprudenza fuq elenkata illi nsibu fl-Artikolu 993 tal-Kap. 16 u ċioe illi l-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss dak li jingħad fihom iżda wkoll il-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha bl-ekwità, bl-użu u bil-liġi.*

*27. Kif fuq imsemmi ukoll (Vella v. Vella noe), il-mument determinanti tal-hekk imsejħa* spendita del nome *huwa meta tiġi kkuntrattata l-obbligazzjoni għaliex huwa f'dak il-mument fejn min jikkontratta għandu l-obbligu li jiddikjara b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni mhux qiegħed jidher f'ismu personali iżda f'isem persuna jew entità oħra li trid tiġi identifikata tajjeb. Huwa ukoll l-obbligu ta' min ikun qed jikkuntratta illi jassigura li dan il-fatt, ċioe illi huwa jkun qed jidher għan-nom ta' persuna oħra u mhux għalih innifsu, ikun ġie sewwa a konoxxenza tal-parti l-oħra. Altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabbilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi naxxenti minn dak in-negozju.*

*28. Wara li qieset il-provi fl-assjem tagħhom – liema provi jkollu jingħad illi ħafna drabi marru oltre l-kwistjoni tar-relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti – il-Qorti tikkunsidra li ma jirriżultax illi matul in-negozjati bejn l-intimata u Antonino Santoro dan tal-aħħar qatt kien informa lil Peresso illi huwa kien ser iwettaq ix-xogħlijiet rikjesti f'isem il-kumpannija rikorrenti. Huwa minnu li fl-affidavit tiegħu Santoro jgħid illi l-istima inizjali li għadda lill-intimata, f'isem negozju bl-isem ta' Edil Gordon, kienet waħda provviżorja għaliex huwa kien ser jiftaħ il-kumpannija rikorrenti f'Malta. Madanakollu għalkemm jista' jagħti l-każ li dan huwa dak li kellu f'moħħu l-istess Santoro ma jirriżultax pruvat illi kien hemm konoxxenza ta' dan il-fatt min-naħa tal-intimata. Anzi, din xehdet illi l-ewwel darba li semgħet bil-kumpannija rikorrenti kien meta Santoro bagħtilha l-istima ġdida fis-27 ta' Jannar, 2018 f'isem Joekonedo Limited.*

*29. Għall-finijiet ta' eżattezza mid-dokumenti esebiti joħroġ:*

- *Illi Santoro bagħat erba' stimi separati lill-intimata għax-xogħlijiet in kwistjoni u ċioe waħda fil-25 ta' Ottubru, 2017, tnejn oħra fl-20 ta' Novembru, 2017 u oħra fl-14 ta' Diċembru, 2017. Dawn kollha kienu intestati "Edil Gordon Di Santoro Antonino", u*
- *Illi l-istima tal-14 ta' Diċembru, 2017 kienet ġiet aċċettata mill-intimata b'żewġ modifiki elenkati mill-intimata fl-email tagħha lil Santoro fid-19 ta' Diċembru, 2017: (i) rigwardanti l-madum tal-bitħa li kienet ser tissupplixxi hija stess, u li riditu jinkludi fl-istima, u (ii) rigwardanti l-prezz tal-kmamar*

*tal-banju li riedet tnaqqas minn €7,400 għal €6,000. Fl-email li Santoro bagħat lill-intimata dakinhar stess bi tweġiba għall-istess email huwa inter alia ddikjara l-qbil tiegħu għall-kontroproposta tal-intimata.*

*30. F'dak il-mument ġie finalizzat il-ftehim bejn il-partijiet ġaladarba kien hemm ftehim dwar il-prezz u dwar ix-xogħol li kellu jingħata. Dan ma jfissirx illi maż-żmien **l-istess partijiet** ma setgħux ivarjaw il-ftehim ta' bejniethom billi per eżempju jżidu jew inaqqsu mil-lista ta' xogħlijiet jew ivarjaw il-prezz, bi ftehim.*

*31. Hemm qbil li x-xogħlijiet bdew fl-aħħar ta' Jannar 2018 u li l-aħħar stima, ossia dik li nħarġet taħt l-isem tal-kumpannija rikorrenti, intbagħtet lill-intimata ftit wara li nbdew tali xogħlijiet.*

*32. Il-kumpannija rikorrenti ssostni illi ġialdarba (i) l-intimata ma pprotestatx din l-aħħar stima fis-sens illi ma kinitx qed taqbel illi l-ftehim kien magħha u mhux ma' Santoro personalment, (ii) l-intimata ħallset akkont tal-prezz permezz ta' ċekkijiet indirizzati lill-kumpannija rikorrenti, (iii) l-intimata ma pprotestatx il-fatturi maħruġa lilha mir-rikorrenti.*

*33. Min-naħa tagħha l-intimata ssostni illi hija kienet iżjed moħħha fil-bidliet (inkluż fil-prezz) li għamel Santoro unilateralment fl-istima li bagħtilha u li hija għamlet kif qalilha meta talabha biex iċ-ċekkijiet tagħmilhom pagabbli lill-kumpannija rikorrenti. Tgħid ukoll l-intimata illi l-ħlasijiet saru mal-pendenza tax-xogħlijiet u li l-fatturi intbagħtu lilha wara li Santoro abbanduna l-lant tax-xogħol u mhux fid-dati indikati fuqhom.*

*34. Il-Qorti tqis però illi dak kollu li seta' seħħ **wara** li ġie konkluż il-ftehim bejn Santoro u l-intimata ma jistax u ma setax ibiddel il-vinkolu kuntrattwali ta' bejniethom. Il-preponderanza tal-provi turi illi Santoro qatt ma informa lill-intimata illi huwa kien qed jaġixxi bħala direttur tal-kumpannija rikorrenti, tal-inqas qabel ma bagħtilha l-istima fl-aħħar ta' Jannar 2018 meta l-ftehim ormai kien diġà konkluż **bejn Santoro u l-intimata**.*

*35. Għalhekk Santoro ma seħħlux jikkonvinċi lill-Qorti illi huwa kien daħal fi ftehim mal-intimata għan-nom tal-kumpannija rikorrenti u l-Qorti tqis illi kien hu personalment li assuma r-responsabbilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi naxxenti minn dak in-negozju."*

**L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell tagħha tat-3 t'Awwissu, 2023, is-soċjetà rikorrenti talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-14 ta' Lulju, 2023, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata, u tiddikjara li kien hemm relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà rikorrenti u l-intimata, u konsegwentement tirrinvija l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex din tkompli tisma' l-kawża.

6. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija sfat ippreġudikata bis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Qalet li din hija kawża dwar ħlas dovut skont kuntratt ta' appalt dwar xogħlijiet li saru *f'guesthouse* tal-intimata ġewwa Ħal Tarxien. Qalet li Antonino Santoro, il-proprjetarju tas-soċjetà appellanta, kien iltaqa' mal-appellata l-ewwel darba fis-sena 2017, meta kien għamel xi żmien jirrisjedi fl-imsemmija *guesthouse.* Is-soċjetà appellanta spjegat li Santoro jaħdem fix-xogħol tal-kostruzzjoni, u l-appellata xtaqet tagħmel użu mis-servizzi tiegħu billi hija kellha bżonn tagħmel xi xogħol fl-imsemmija *guesthouse.* Is-soċjetà appellanta spjegat li dak iż-żmien Santoro kien għadu ma bediex jopera l-kumpannija tiegħu, li kienet għadha fi stadju ta' formazzjoni, u għalhekk kien informa lill-appellata li kien ser joħroġ stima provviżorja fuq id-ditta li kien juża l-Italja bl-isem 'Edilgordon'. Is-soċjetà appellanta spjegat li fl-20 ta' Novembru, 2017, Santoro kien bagħat *email* bl-istima tax-xogħlijiet, u wara li l-appellata irċeviet l-istima, kien hemm diversi negozjati bejn il-partijiet, sakemm fis-27 ta' Jannar, 2018, inħarġet stima oħra aġġornata li tinkludi t-tibdil diskuss. L-appellanta spjegat li sadanittant Santoro kien ifforma l-kumpannija Joekonedo Limited, u l-istima tas-27 ta' Jannar, 2018 kienet inħarġet mis-soċjetà Joekonedo

Limited. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellata aċċettat din l-istima, u fir-rigward tax-xogħlijiet mertu tal-kawża, waqt l-andament tax-xogħol kienu nħarġu madwar seba' fatturi lill-appellata, kollha mis-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-ħlasijiet li għamlet l-appellata fir-rigward tax-xogħol ta' appalt, saru kollha lis-soċjetà appellanta, u b'kollox l-appellata għamlet madwar ħames pagamenti, ilkoll intestati lis-soċjetà appellanta. Iċ-ċekkijiet li permezz tagħhom saru tali ħlasijiet, kollha ġew iddepożitati fil-kont bankarju tas-soċjetà appellanta, u fis-16 t'April, 2018, din tal-aħħar intavolat ittra uffiċjali kontra l-appellata fejn interpellatha tersaq għall-ħlas tal-pendenzi li kienu għadhom dovuti.

7. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li mhux ikkontestat li l-istima definittiva ħarġet mill-kumpannija Joekonedo Limited, li l-fatturi kollha ħarġu mill-istess kumpannija, u li l-pagamenti li għamlet l-appellata saru kollha favur Joekonedo Limited, l-Ewwel Qorti xorta waħda ddeċidiet li r-relazzjoni ġuridika kienet bejn l-appellata u Santoro personalment, u mhux mas-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni għaliex qalet li l-ftehim bejn il-partijiet ġie konkluż fid-19 ta' Diċembru, 2017, meta skont l-istess Qorti l-intimata kienet aċċettat stima li ħarġet fl-14 ta' Diċembru tal-istess sena.

8. Qalet li l-Ewwel Qorti għalhekk ikkonkludiet li ladarba l-ftehim kien konkluż, dak li seħħ wara li ġie konkluż il-ftehim, ma jistax u ma setax ibiddel il-vinkolu kuntrattwali ta' bejniethom. B'riferiment għall-ħtieġa tal-prova li Santoro kien qiegħed jaġixxi bħala direttur tas-soċjetà appellanta, l-appellanta qalet li bis-sempliċi fatt li fis-27 ta' Jannar, 2018, inħarġet stima oħra, u l-

appellata kienet qiegħda tikkomunika ma' Santoro f'isem is-soċjetà appellanta, u kienet għadha qiegħda tinnegozja dwar il-prezzijiet ta' xi oġġetti, juri biċ-ċar li sa dak iż-żmien ma kien intlaħaq l-ebda ftehim. L-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti naqset għal kollox milli tikkunsidra ċerti fatti li kienu ta' importanza għad-determinazzjoni ta' din il-vertenza, fosthom il-fatt li ma kienx hemm fattura waħda li nħarġet minn Santoro personalment, u l-fatturi inħarġu kollha f'isem is-soċjetà appellanta; il-fatt li kull pagament li għamlet l-appellata sar b'ċekk f'isem is-soċjetà appellanta; il-fatt li ċ-ċekkijiet ġew depożitati fil-kont bankarju tas-soċjetà appellanta, u l-fatt li in segwitu għall-ħruġ tal-ittra uffiċjali kontra l-appellata, l-appellata fl-ebda waqt ma qajmet il-kwistjoni tar-relazzjoni ġuridika. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Ewwel Qorti rreferiet għal dak li qalet l-appellata fil-kontro-eżami tagħha, li kienet tagħmel pagamenti *on account* waqt li kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet. Qalet li dak li qalet l-appellata huwa skorrett u faċilment verifikabbli, u dan għaliex minn sempliċi paragun bejn il-fatturi u l-pagamenti, joħroġ ċar li l-pagamenti saru abbażi tal-fatturi u mhux *on account* kif qalet l-appellata. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt li l-appellata fix-xhieda tagħha qalet li qatt ma nħarġu fatturi waqt l-andament tax-xogħol, meta mistoqsija tispjega kif iċ-ċekkijiet li nħarġu kienu jaqblu mal-fatturi, hija m'għarfitx twieġeb. Is-soċjetà appellanta qalet li dawn id-dettalji ġew skartati mill-Ewwel Qorti, u sostniet li mill-provi prodotti kellu jirriżulta li l-vinkolu kuntrattwali kien bejn l-appellata u s-soċjetà appellanta.

9. Is-soċjetà appellanta staqsiet għal liema raġuni l-appellata, meta indunat li l-istima definittiva u l-fatturi ma kinux jindikaw lil min verament kien obbligat, ma ssenjalatx dan, iżda minflok stenniet li ssir il-kawża u qajmet il-punt biss fil-proċeduri odjerni. Is-soċjetà appellanta qalet li huwa totalment inkonċepibbli

kif l-appellata argumentat b'suċċess li bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda relazzjoni kuntrattwali meta l-fatturi ħarġu kollha mis-soċjetà appellanta, u l-appellata għamlet il-ħlasijiet dovuti kollha lill-istess soċjetà appellanta. L-appellanta qalet li dawn il-fatti kollha jimmilitaw favur it-teżi tagħha, u kontra dik tal-appellata, għaliex mhuwiex verosimili li xi ħadd jirċievi fatturi minn soċjetà li m'għandu l-ebda relazzjoni kuntrattwali magħha, u jagħmel diversi pagamenti favur l-istess soċjetà.

10. L-appellata ma ressqet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet waqt it-trattazzjoni.

*L-Aggravju:* *[apprezzament żbaljat tal-provi]*

12. Is-soċjetà appellanta qalet li mill-assjem tal-provi prodotti, ma kellux jirriżulta lill-Ewwel Qorti li ma kien hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet. Il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li filwaqt li kien saru diversi stejjem li ntbagħtu lill-appellata f'isem id-ditta Edilgordon, l-istima finali li abbażi tagħha nħarġu numru ta' fatturi u saru diversi ħlasijiet mill-appellata, inħarġet f'isem is-soċjetà appellanta. Antonino Santoro, id-direttur tas-soċjetà appellanta

spjega li huwa kellu kumpannija rreġistrata l-Italja, u kien ħareġ stejjem provviżorji f'isem dik il-kumpannija, iżda meta rreġistra l-kumpannija tiegħu Joekonedo Limited (C 80762) hawn Malta u beda jinnegozja f'isem din il-kumpannija, beda joħroġ l-istejjem f'isem din il-kumpannija, u kien jaċċetta ħlasijiet f'isem il-kumpannija appellanta, tant hu hekk li l-appellata stess ħarġet numru ta' ċekkijiet indirizzati lis-soċjetà appellanta. Dan kollu ġie ppruvat mis-soċjetà appellanta, u d-dokumenti relattivi jinsabu esebiti f'*fol.* 35-41 tal-proċess.

13. L-Ewwel Qorti spjegat li l-mument determinanti sabiex jiġi stabbilit minn min ġiet ikkuntrattata l-obbligazzjoni, huwa l-mument li fih jiġi konkluż il-ftehim bejn il-partijiet, meta kien hemm qbil dwar l-oġġett jew servizz, u dwar il-prezz. Dan huwa konformi ma' bosta mill-insenjamenti ġurisprudenzjali li ngħataw mill-Qrati tagħna tul is-snin. L-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha wara li spjegat li kienet qieset il-provi fl-assjem tagħhom, u ma rriżultalhiex li matul in-negozjati bejn l-appellata u Santoro, dan kien infurmaha li kien ser isir xi xogħol mis-soċjetà appellanta. Dan minkejja li kienet l-appellata stess li xehdet li l-ewwel darba li semgħet isem is-soċjetà appellanta kien meta din irċeviet stima finali bl-intestatura tal-kumpannija Joekonedo Limited. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-fatturi tax-xogħol attwalment imwettaq inħarġu f'isem is-soċjetà appellanta, u l-appellata fil-fatt ħarġet numru ta' ċekkijiet f'isem is-soċjetà appellanta.

14. Il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi prodotti jirriżulta li l-appellata kienet taf li x-xogħol kien qiegħed isir mis-soċjetà Joekonedo Limited, li l-istima finali li hija ntrabtet biha inħarġet f'isem is-soċjetà appellanta, li l-fatturi kienu qegħdin

joħorġu f'isem is-soċjetà appellanta, u li hija kienet qiegħda taffettwa l-ħlas lis-soċjetà appellanta. Din il-Qorti ma tistax tifhem għal liema raġuni l-Ewwel Qorti kkonkludiet li Antonio Santoro qatt ma nforma lill-appellata li huwa kien qiegħed jaġixxi in rappreżentanza ta' kumpannija, u dan għaliex il-provi prodotti juru l-kontra. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza ċċitata mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet **Formosa nomine et nomine *vs.* Felice**[1], fejn ġie spjegat li jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ sabiex jiddeċiedi jekk persuna tkunx qiegħda tikkontratta f'isimha jew f'isem ħaddieħor. Il-Qorti f'dik il-kawża rrikonoxxiet li filwaqt li ċerti kawżi huma ovvji, oħrajn huma aktar diffikultużi, u huwa biss fejn hemm dubju li għandha tinħoloq il-preżunzjoni li persuna tkun qiegħda tikkuntratta f'isimha proprju. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment wkoll għal dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **360 Retail Supplies Ltd. (C 64990) *vs.* Maged Fawzy Shakry**[2] fejn ingħad illi:

> *"36. Huwa magħruf ukoll li l-ġudikant għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex mill-provi miġjuba matul is-smigħ tal-kawża, huwa jqis dawk il-provi li huma aktar kredibbli u xierqa sabiex jasal għall-konvinċiment tiegħu. Fl-eżerċizzju ta' dik is-setgħa li ġudikant jista' jaċċetta x-xhieda ta' xi wħud u jwarrab jew jiskarta oħrajn u jsejjes il-ġudizzju tiegħu fuq ċerti provi, aktar milli oħra. Dan huwa l-eżerċizzju tal-konvinċiment ħieles tal-ġudikant. (ara* ***Carmelo Galea v. LIDL Malta Limited,*** *App. Sup. 1 ta' Diċembru, 2021)."*

15. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi mill-provi jirriżulta suffiċjentement li l-appellata ġiet mgħarrfa li kienet qiegħda tibni relazzjoni kuntrattwali mas-soċjetà appellanta, u hija aċċettat dan, tant hu hekk li ħarġet ċekkijiet tal-ħlas lill-istess soċjetà appellanta. Għaldaqstant l-aggravju

---

[1] Qorti tal-Appell, 6.10.1999.
[2] Qorti tal-Appell, 27.04.2023.

sollevat mis-soċjetà appellanta qiegħed jiġi milqugħ, u din il-Qorti sejra tordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-każ jissokta jinstema' fil-mertu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tilqgħu, u għalhekk tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex il-każ ikun jista' jinstema' fil-mertu.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**